



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Mejju 2022
(OR. fr, en)

9520/22

SOC 314
EMPL 208
EDUC 193
ECOFIN 507

NOTA

minn:	Kumitat tal-Impjiegi u Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-proċess tal-iffissar tal-miri nazzjonali għall-2030 - <i>Preżentazzjoni mill-Presidenti tal-Kumitati</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-proċess tal-iffissar tal-miri nazzjonali għall-2030.



Il-Kumitat tal-Impjiegi Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali

Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-proċess tal-iffissar tal-miri nazzjonali għall-2030

Introduzzjoni

1. Fl-4 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li tiddeskrivi azzjonijiet konkreti għall-implimentazzjoni ulterjuri tal-prinċipji tal-Pilastru permezz ta' sforz konġunt mill-Istati Membri u l-UE f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom. Il-Pjan ta' Azzjoni ppropona, fost l-oħrajn, tliet miri ewlenin tal-UE dwar l-impjiegi, it-tagħlim għall-adulti, u t-tnaqqis tal-faqar li għandhom jinkisbu sa tmiem l-2030: tal-anqas 78 % tal-popolazzjoni bejn l-20 u l-64 sena għandha tkun f'impjieg; kull sena, tal-anqas 60 % tal-adulti kollha (ta' bejn il-25 u l-64 sena) għandhom jipparteċipaw f'attivitajiet ta' tagħlim; l-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għandu jitnaqqas b'tal-anqas 15-il miljun (meta mqabbel mal-2019). Din appellat ukoll lill-Istati Membri biex jiddefinixxu l-miri nazzjonali tagħhom stess biex ifasslu l-istrateġiji ta' politika tagħhom u b'hekk jikkontribwixxu wkoll għal dan l-isforz komuni.
2. Il-miri ewlenin tal-UE ntlaqgħu mill-mexxejja tal-UE fid-Dikjarazzjoni ta' Porto fis-Summit Soċjali ta' Porto tas-7-8 ta' Mejju 2021 u mill-Kunsill Ewropew tal-24-25 ta' Ġunju 2021. Dawn il-miri ser ikunu parti integrali mill-monitoraġġ tal-progress lejn l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, fil-kuntest tal-qafas ta' koordinazzjoni tal-politika fis-Semestru Ewropew. Fl-Impenn Soċjali ta' Porto tas-7 ta' Mejju 2021, il-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Kummissjoni, il-Prim Ministru tal-Portugall (il-Presidenza tal-Kunsill tal-UE), il-mexxejja tas-Sħab Soċjali tal-UE u l-Pjattaforma Soċjali appellaw lill-Istati Membri *"biex jistabbilixxu miri nazzjonali ambizzjużi li, b'kont debitu meħud tal-pożizzjoni tal-bidu ta' kull pajjiż, jikkostitwixxu kontribut adegwat għall-kisba tal-miri Ewropej"* (traduzzjoni mhux uffiċjali).

3. Fil-laqgħa tal-EPSCO ta' Ġunju 2021, il-Presidenza Portugiża enfasizzat l-importanza li jiġu stabbiliti miri nazzjonali li jkunu konsistenti mal-qafas ġenerali tal-UE u l-ambizzjoni kondiviżi biex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-UE sal-2030. Matul id-dibattitu, il-Kummissjoni stiednet lill-Ministri biex jistabbilixxu miri nazzjonali li jiġu mmonitorjati fi ħdan is-Semestru Ewropew u offriet id-disponibbiltà tagħha biex tappoġġa lill-Istati Membri matul il-proċess. Saret diskussjoni ta' segwitu dwar il-prinċipji gwida fil-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u fil-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) fid-29 ta' Ġunju 2021. Il-Kummissjoni ssuġġeriet valuri ssimulati possibbli biex jiggwidaw l-istabbiliment ta' miri nazzjonali li jirriflettu dawn il-prinċipji u jkunu konsistenti mal-ambizzjoni fil-livell tal-UE u jrawmu konverġenza 'l fuq fost l-Istati Membri. Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll l-importanza li jiġu kkonsultati s-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fil-livell nazzjonali, biex jiġi żgurat impenn kondiviż lejn dan l-oġettiv importanti.
4. Bejn Settembru 2021 u Mejju 2022, l-Istati Membri kollha impenjaw ruħhom fil-proċess billi rriflettew fuq il-miri nazzjonali tagħhom u ġeneralment wettqu konsultazzjonijiet interni ma' partijiet ikkonċernati differenti. Huma ddiskutew ukoll proposti f'laqgħat bilaterali mal-Kummissjoni mmirati lejn il-kondiviżjoni ta' fehmiet dwar il-grad ta' realiżmu u ambizzjoni tagħhom u l-indirizzar ta' kwistjonijiet tekniċi possibbli. Fit-8 ta' Marzu u l-4 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-EMCO u lill-KPS is-sitwazzjoni attwali tal-proċess u l-proposti għal miri nazzjonali riċevuti u – skont l-Artikoli 150 u 160 TFUE – stiednet lill-Kumitati biex iħejju din l-Opinjoni bil-ħsieb li jinfurmaw lill-Kunsill, kif ippjanat fil-Programmi ta' Ħidma rispettivi tagħhom għall-2022.

Kummenti orizzontali

5. Il-Kumitati apprezżaw l-appoġġ offrut mill-Kummissjoni fil-proċess tal-iffissar tal-miri nazzjonali u b'mod partikolari l-kooperazzjoni mill-qrib stabbilita matul il-laqgħat bilaterali. Diversi Stati Membri rrapportaw li dawn l-iskambji għenuhom jirfinaw il-proposti inizjali tagħhom, u b'hekk ikkontribwew għall-istabbiliment ta' miri realistiċi iżda ambizzjużi (inkluż permezz ta' reviżjonijiet 'il fuq f'xi każijiet).

6. L-EMCO u l-KPS jilqgħu l-proċessi ta' konsultazzjoni mwettqa fil-livell nazzjonali mill-Istati Membri meta kienu qed jifformulaw il-proposti tagħhom għal miri nazzjonali. B'mod partikolari, diversi delegati kkonfermaw li l-parlamenti nazzjonali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-awtoritajiet lokali u l-membri tal-komunità akkademika kienu involuti u pprovdew osservazzjonijiet kostruttivi. Fi ftit każijiet, il-parlamenti nazzjonali vvutaw dwar il-miri nazzjonali proposti.
7. F'dan il-kuntest, ġie nnutat li filwaqt li l-iżgurar ta' involviment adegwat tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-livell nazzjonali appoġġa sjieda wiesgħa fl-istabbiliment ta' miri nazzjonali fil-bidu tal-2022, dan ħa wkoll żmien konsiderevoli minħabba s-sinifikat politiku għoli tal-proċess.
8. Xi Stati Membri ssottolinjaw li l-miri nazzjonali tagħhom ġew żviluppati f'kuntest soċjoekonomiku li ma setax iqis l-impatt possibbli tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna fuq ir-riskji tal-impjiegi, it-tagħlim għall-adulti u l-faqar jew l-esklużjoni soċjali fl-UE, u li dan għandu jitqies meta jiġi mmonitorjat il-progress.

Mira tal-impjieg

9. L-Istati Membri kollha ppreżentaw miri nazzjonali għall-impjiegi għall-2030, li jiddependu fuq l-indikatur użat għall-mira ewlenija tal-UE għall-2030 (rata ta' impjieg, bejn l-20 u l-64 sena).
10. Il-miri tal-impjiegi mressqa mill-Istati Membri għandhom it-tendenza li juru b'mod ġenerali livell tajjeb ħafna ta' ambizzjoni, stabbiliti mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fil-livell tal-mira ewlenija tal-UE ta' 78 % sal-2030, jew aktar. Dan jirrikonoxxi l-importanza li jitrawmu swieq tax-xogħol b'saħħithom u inklużivi għall-għaxar snin li ġejjin, b'appoġġ għall-parteċipazzjoni ta' dawk kollha li huma kapaċi jaħdmu. Barra minn hekk, l-Istati Membri b'rati inizjali baxxi ta' impjieg stabbilixxew miri aktar ambizzjużi, meta titqies il-pożizzjoni inizjali tagħhom, li hija importanti biex tiġi żgurata konverġenza 'l fuq matul id-deċennju li ġej.

11. F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, diversi Stati Membri stabbilixxew ukoll għanijiet komplementari biex inaqqsu d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, biex iżidu l-għoti ta' edukazzjoni u ta' kura formali bikrija tat-tfal u biex inaqqsu s-schem ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETs).

Mira tal-ħiliet

12. L-Istati Membri kollha stabbilixxew miri nazzjonali għat-tagħlim għall-adulti għall-2030, li jiddependu fuq l-indikatur użat għall-mira ewlenija tal-UE għall-2030 (il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim matul l-aħħar 12-il xahar, minbarra t-taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol). Xi Stati Membri qajmu bħala tħassib potenzjali n-nuqqas ta' data reċenti fir-rigward tal-indikatur, bl-argument li dan jista' jiġġustifika rieżami futur tal-miri nazzjonali ladarba jkunu disponibbli valuri ġodda.¹
13. Fil-kuntest tal-livell ambizzjuż tal-mira ewlenija tal-UE dwar it-tagħlim għall-adulti, xi Stati Membri għażlu approċċ kawt fl-istabbiliment tal-miri nazzjonali tagħhom. Madankollu, il-biċċa l-kbira minnhom urew livelli għoljin ta' ambizzjoni biex iżidu l-parteċipazzjoni tagħhom fit-tagħlim għall-adulti. Dan kien partikolarment il-każ għal ħafna pajjiżi li bdew minn livelli aktar baxxi, u b'hekk b'mod importanti jappoġġaw il-konverġenza 'l fuq fl-Unjoni. L-impenn muri mill-Istati Membri dwar il-mira tal-ħiliet jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi żgurata parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna, anke fid-dawl tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi u l-iżviluppi demografiċi li huma projettati għad-deċennju li ġej.
14. Biex jikkomplementaw il-mira tal-ħiliet, xi Stati Membri stabbilixxew għanijiet komplementari, b'mod partikolari biex iżidu l-ħiliet diġitali u jnaqqsu t-tluq bikri mill-iskola.

¹ L-aħħar valuri tal-indikatur ewleni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali għall-2016 huma [disponibbli online](#) minn estrazzjoni speċjali tal-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni tal-Adulti li teskludi t-taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol. Valuri ġodda ser ikunu disponibbli fl-2023, wara t-tranżizzjoni għall-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE bħala sors ġdid ta' data fl-2022.

Il-mira għat-tnaqqis tal-faqar

15. L-Istati Membri kollha ppreżentaw miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-faqar għall-2030. Kważi l-Istati Membri kollha esprimewhom bl-użu tal-indikatur sottostanti għall-mira ewlenija tal-UE għall-2030 (l-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, AROPE). Żewġ Stati Membri stabbilixxew miri bl-użu tas-subindikatur AROPE għal persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna, Stat Membru wieħed huwa mistenni li jistabbilixxi l-mira f'termini ta' punti perċentwali aktar milli għadd ta' persuni u konferma ta' Stat Membru wieħed hija pendenti. Għall-Istati Membri li ma stabbilixxewx il-miri finali tagħhom bħala tnaqqis fl-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, il-kontribut għall-mira ewlenija tal-UE ma jistax jiġi kkalkulat ex ante (għalkemm ser jikkontribwixxi ex post).
16. Il-proposti għal miri nazzjonali dwar it-tnaqqis tal-faqar juru b'mod ġenerali livell tajjeb ħafna ta' ambizzjoni u huma mistennija li joqorbu lejn il-mira fil-livell tal-UE ta' tnaqqis fl-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni b'mill-inqas 15-il miljun sal-2030 għalkemm mhux il-kontributi kollha jistgħu jitqiesu f'dan l-istadju. Dan ir-riżultat tentattiv jindika li l-Istati Membri huma impenjati bis-sħiħ biex inaqqsu r-riskji tal-faqar fl-UE permezz ta' azzjoni effettiva. Barra minn hekk, l-Istati Membri b'livelli inizjali ogħla ta' faqar jew esklużjoni soċjali stabbilixxew miri li huma ambizzjużi meta mqabbla mal-pożizzjoni inizjali tagħhom, li huwa importanti biex tiġi żgurata konverġenza 'l fuq matul id-deċennju li ġej.
17. Il-maġġoranza tal-Istati Membri stabbilixxew ukoll għan komplementari biex jitnaqqas l-għadd ta' tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, li jirrifletti r-rilevanza li tiġi indirizzata t-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar fil-kuntest nazzjonali tagħhom.

Konklużjonijiet

18. Il-miri nazzjonali għall-2030 jirrappreżentaw il-kontribut tal-Istati Membri għall-miri ewlenin tal-UE proposti mill-Kummissjoni u milqugħa mill-mexxejja tal-UE fis-Summit Soċjali ta' Porto u l-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2021. Il-kumitati jilqgħu l-fatt li l-Istati Membri kollha ppreżentaw il-proposti preliminari jew finali tagħhom għal miri nazzjonali.

19. Il-proċess twettaq bil-ħsieb li jiġu definiti miri ambizzjużi iżda realistiki li ser jgħinu biex jidderieġu l-progress fl-oqsma tal-impjiegi u soċjali u jrawmu konverġenza soċjali 'l fuq fl-UE, filwaqt li jitqiesu kif xieraq il-pożizzjonijiet inizjali rispettivi fl-Istati Membri.
- Għaldaqstant, l-EMCO u l-KPS jilqgħu l-fatt li l-miri nazzjonali tal-impjiegi meħuda flimkien jaqbżu l-ambizzjonijiet tal-mira ewlenija korrispondenti tal-UE u s-somma tal-miri għattnaqquis tal-faqar joqorbu lejn (u eventwalment huma mistennija li jaqbżu) il-mira ewlenija, filwaqt li jieħdu nota li l-miri nazzjonali tat-tagħlim għall-adulti huma kemxejn inqas minn dawk ewlenin tal-UE.

Il-Kumitati jistiednu lill-bqija tal-Istati Membri biex jippreżentaw il-proposti finali tagħhom, possibbilment inkluż dwar għanijiet komplementari, mill-aktar fis possibbli bil-ħsieb li jkun hemm sett komplut ta' miri nazzjonali lesti biex jiġu mmonitorjati li jibdeu biċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2022-23. Għaldaqstant, l-EMCO u l-KPS jistiednu wkoll lill-Kummissjoni biex tqis il-miri nazzjonali stabbiliti mill-Istati Membri u tibda timmonitorja l-progress lejhom fis-Semestru Ewropew, inkluż permezz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi. Ser ikun importanti li jitkompla d-djalogu regolari stabbilit bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri anke matul il-monitoraġġ tal-progress fuq il-miri tal-UE u dawk nazzjonali.